Minuti tal-laqgħa numru tmienja u ħamsin (58) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, KLR, li nżammet nhar l-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2023 fis-6:15pm fl-uffiċċju Muniċipali fi 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Alexander k/a Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Matthew Chetcuti | | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | | Kunsillier |
| Is-Sa Janice Busuttil | | Kunsillier |
| Is-Sur Christopher Farrugia | | Kunsillier |
| Is-Sur Norbert Grech | | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Bonello | | Segretarju Eżekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| 58.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u l-kunsillieri qalu t-talba flimkien. Inqraw l-ittri ta' apoloġija tas-Sa Doris Coleiro u tas-Sur Kris Grech u dawn ġew skużati. | Talba u ittri ta' apoloġija |
| 58.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sebgħa u ħamsin (57)**<br>Il-Minuti tas-seduta sebgħa u ħamsin (57) ġew ikkunsidrati u approvati unanimament mingħajr l-ebda' korrezzjoni wara li kienu mgħoddija għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Christopher Farrugia. | Minuti |
| 58.02.01 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma t-toroq il-ġodda li kienu indikati lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, fil-Kunċizzjoni u Landrijiet. Is-SE qal illi dwar dawn qed nistennew tweġiba mill-istess kumitat. Se jitwaħħlu t-tabelli l-ġodda f'Wied il-Qlejgħa. | Ismijiet ta' toroq |
| 58.02.02 | Wara li l-Pulizija ma riedux aktar li tibqa' tintrama l-posta tal-monti nhar ta' Ħadd fuq il-Parkeġġ riżervat għalihom fi Triq Santa Rita, il-KLR baqa' jagħmel l-eżerċizzju tal-attendenza tal-monti kull nhar ta' Ħadd. Din il-persuna bil-posta 93 issa qed tarma flok wieħed ieħor li sirna nafu li ħalla din id-dinja. Madankollu qabbadna perit jagħmlilna site plan bl-ACAD ta' kif iridu jiġu l-posti fil-futur biex nimmarawhom mal-art darba għal dejjem. | Monti |
| 58.02.03 | Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, tkellem fuq ix-xogħlijiet li reġgħu bdew wara l-vakanzi tal-Milied minn Infrastruttura Malta (IM) fuq Triq il-Kbira. Hu qal illi wasal għall-konklużjonijiet mal-Perit ta' IM, is-Sur David Vassallo, illi se naraw illi qabel ma tinqabad il-parti l-oħra li kienu waqqfu fiha qabel il-Milied, ikunu lesti l-bankini u tingħata t-tarmak dik li diġa' bdew. Dan sabiex nassiguraw illi sal-festa ta' San Ġużepp ma jkunx hemm tħarbit u l-purċissjoni tgħaddi xorta waħda - bix-xogħol jieqaf bejn id-9 u l-20 ta' Marzu. Se niddiskutu mal-Arċikonfraternità biex il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tgħaddi minn triq oħra, biex ix-xogħol jitkompla wara l-festa ta' San Ġużepp u jitlesta sal-festa ta' San Pawl. | Xogħlijiet fi Triq il-Kbira |

| | | |
|---|---|---|
| 58.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 343 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 62**<br>Iċ-ċedoli tal-pagamenti 343 u tal-Works Purchases Order 62 kienu approvati unanimament wara li minn dik tal-aħħar inqatgħu minnha items 17, 19 u 21. Għal mistoqsija min kienu QPM Ltd, item 12670 u 12671 ta' SOP 343, kien imfiehem illi dan kien xogħol ta' moniteraġġ mill-aspett arkeoloġiku tal-SCH fuq il-binja tal-Kunsill fis-sular t'isfel meta nqala' l-madum tal-bitħa u tal-kmamar. | Ċedoli tal-Pagamenti u tax-xogħlijiet u xiri |
| 58.04 | Mistoqsijiet tal-Kunsillieri | |
| 58.04.01 | Is-Sur Chris Farrugia staqsa jekk tistax issir it-tiswija ta' kurduna fi Triq San Publiju kantuniera ma Triq Santa Marija. Is-Sur Nazju Cassar ġibed l-attenzjoni illi din hija waħda mit-toroq li l-KLR qed jitlob lill-Infrastruttura Malta jinkludiha fil-programm tal-qatran għas-snin li ġejjin. Is-SE qal li diġa' qabbad lill-handymen biex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet. | Tiswija ta' kurdina tal-bankina |
| 58.04.02 | Is-Sur Chris Farrugia staqsa jekk hux possibbli li jerġgħu jirrinfriskaw ruħhom il-marki tat-traffiku li ffejdjaw fiċ-ċentru tar-Rabat, Is-SE se jinkludiha fil-programm tax-xogħlijiet tal-handymen. | Marki tat-traffiku fiċ-ċentru |
| 58.04.03 | Is-Sur Norbert Grech talab li jsir ftit patching f'toqba li nfetħet fil-Fiddien, meta wieħed ikun sejjer lejn il-Baħrija.<br>Is-SE se jqabbad lill-handymen sabiex jagħmlu dan. | Ħofra fil-Fiddien |
| 58.04.04 | Is-Sa Janice Busuttil talbet biex issir kaxxa tan-No parking għall-mutur quddiem ir-residenza ________________ fil-Housing Estate ta' Għeriexem. | Kaxxa tal-parkeġġ ta' mutur |
| 58.05 | **Talba għal kumpens -**<br>**(i) A Calleja**<br>It-talba tas-Sinjura Alison Calleja ma kienetx sostnuta b'rapport tal-Pulizija, lanqas it-triq ma kienet indikata u lanqas il-claim ma konna nafu kemm hu. Għaldaqstant ma setgħetx tiġi aċċettata.<br>**(ii) L Bartolo**<br>It-talba tas-Sinjura L Bartolo kienet ikkunsidrata. Peress li jirriżulta illi din il-ħofra illi fiha waqgħet ir-rota tal-vettura kienet kaġunata minn sentina tad-drenaġġ li kien ħiereġ ilma kontinwu bla waqfien li qala' t-triq kollha fil-Fiddien, il-KLR mhux qed jieħu r-responsabbilità tal-każ. | Talba għal rimbors fuq spejjeż ta' vetturi |
| 58.06 | **Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Offerta ta' Electric Van**<br>Il-KLR ikkunsidra r-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni u minkejja li Michael Attard kien aktar għoli mill-istima, xorta se jingħata lilu il-kuntratt tax-xiri. Dan għaliex l-ewwel nett qiegħdin marsusin fil-ħin peress li jekk mhux se nħaffu se nitilfu l-ko-finanzjament tal-iskema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u t-tieni għaliex din hija t-tieni darba li ħriġna l-offerta wara li dik tal-ewwel ma kien applika ħadd għaliha. | RLC/T/206/22 |
| 58.07 | **Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Offerta Pubblika tal-Ġbir tal-Iskart Goff**<br>Il-KLR ikkunsidra r-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni u ddeċieda illi joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord: l-offerta tingħata lill-Melchior Dimech. Dan hu l-kuntrattur attwali tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | RLC/T/0205/22 |

| | | |
|---|---|---|
| 58.08 | **Appraisals u Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Impjegati li qiegħdin fuq il-payroll tal-Kunsill Lokali tar-Rabat**<br>Il-KLR ra r-rapport mħejjija fuq kull impjegat u qabel illi dawn għandhom jieħdu l-marki massimi fl-appraisals tagħhom u l-performance bonus ikun ta' 15% tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' 6% tal-impjegati l-oħra kollha skont kif inhu mniżżel mal-Unions fil-ftehim kollettiv u mad-dipartiment Gvern Lokali. | Performance tal-Impjegati |
| 58.09 | **Evalwazzjoni tal-Attivitajiet tal-Milied**<br>L-attivitajiet li kienu organizzati kollha kienu suċċess. Il-KLR iddiskuta l-attività tal-Banda Konti Ruġġieru fil-Kunċizzjoni fil-festa tagħHa, l-istess banda b'programm fit-18 ta' Diċembru quddiem il-Basilica u dak in-nhar (sirna nafu aktar tard) il-Banda L'Isle Adam kienet se ddoqq quddiem il-Każin tagħha, il-Kor Joy Gospel Singers fil-Basilika u interpretazzjoni oħra fil-Knisja ta' Ġieżu (permezz tal-Arċikonfraternità), Santa' Train fil-Baħrija u oħra fir-Rabat, Esebizzjoni tal-Presepji fil-Kunvent ta' Ġieżu, Kompetizzjon tal-Kartolini għat-tfal u oħra għall-isbaħ faċċati imżejna fil-Milied, tqassim ta' kotba lit-tfal minn Father Christmas fil-Baħrija u fl-iskola Primarja tar-Rabat, Car Wash f'Wesgħet il-Mużew u l-attività Għar ta' Mħabba fil-Pjazza tal-Parroċċa. | Attivitajiet tal-Milied |
| 58.10 | **Talba għal estenzjoni ta' żmien fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-Muniċipju; 8, Triq L-Isptar u biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar (I) biex jinżamm madum antik li se jinqala' mil-kmamar ta' fuq nett, (II) biex tingħalaq ventilazzjoni ta' servitu ta' terzi u (III) jinbidel travu fuq il-faċċata tal-gallerija ta' Triq il-Kbira u (IV) biex jinżammu u jkunu restawrati l-galleriji ż-żgħar tal-ħadid.**<br>Il-Kunsill unanimament iddeċieda illi se jikkonċedi estenzjoni lill-Cieffe Ltd sa Lulju 2023, wara li ra illi hemm diversi raġunijiet li la kienu tort tiegħu u lanqas tal-kuntrattur li tefgħu ix-xogħol b'lura.<br>(I) Il-madum antik se nippruvaw naqalgħuh kollu u nsalvawh peress li għandu ħafna valur.<br>(II) Il-ventilazzjoni ta' servitù se tinżamm kif inhi għaliex jistgħu jintilfu xi drittijiet<br>(III) It-travu fuq il-faċċata se jinbidel għaliex qasam il-ġebla fuq il-faċċata għal fuq Triq il-Kbira<br>(IV) Il-galleriji tal-ħadid iż-żgħar se jiġu restawrati għaliex dawn huma antiku li m'għandhomx *welding* xejn u kollox qed jinżamm irbattut.<br>Se jkun hemm varjazzjoni oħra li wkoll kienet approvata matul din il-laqgħa. Il-bibien tar-*reception* isfel u tal-*waiting room* flimkien mal-antiporta se jsiru tal-ħġieġ flok injam. Tal-antiporta se jkun jinfetaħ minn fuq is-sistema tat-telefon u l-oħrajn waħidhom bis-sensor u jerġgħu jingħalqu immedjetament biex l-arja sħuna/friska ma tintilifx. | Refurbishment tal-Uffiċini tal-Kunsill |
| 58.11 | **Propost Addendum għall-kuntratt – *Tender for the Provision and Maintenance of Street Lighting in Reġjun Tramuntana RT-03-06* biex jinkludi l-istallazzjoni ta' Dimming tal-lampi f'toroq urbani fir-Rabat.**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel mal-addendum tal-kuntratt biex jingħata l-fondi mill-iskema tal-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija (EWA) biex il-fanali li kienu mwaħħla fir-Rabat li permezz tagħhom jinxtegħlu t-toroq bl-LEDs, ikunu ddimjati tard bil-lejl. Dan l-addendum se jkun qiegħed jimla' *lacuna* fil-kuntratt li | Dimming tal-lampi tat-toroq |

| | | |
|---|---|---|
| | kien ħareġ ir-Reġjun Tramuntana u li sussegwentement kien ingħata lill-Mica Med Ltd. | |
| 58.12 | **Data bi tħejjija għal-Laqgħa pubblika tal-lokalità u write up tar-Rapport Amministrattiv 2022**<br>Il-laqgħa pubblika tal-lokalità se ssir *on-line streamed* fuq *facebook* nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2023 fis-6.00pm. Se jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex ikun jista' jsir dan bħas-sentejn li għaddew. | Laqgħa pubblika tal-lokalità |
| 58.13 | **Kuntratt għall-użu tas-sala tal-Boys Scouts għad-Day Centre tal-Anzjani (abbozz anness)**<br>L-abbozz tal-kuntratt kien għad-dispożizzjoni tal-Kunsill u kien hemm qbil unanimu illi talli l-Kunsill jagħmel użu mis-sala tar-Rabat Scouts iħallas €2,640 pa matul l-2023 biex jużawha darbtejn fil-ġimgħa l-anzjani bħala Day Centre, li jiġu ftit aktar minn €25 kull darba li jiltaqgħu bit-tindif inkluż. L-abbozz kien propost mis-Sur Matthew Chetcuti u ssekondah is-Sur Nazju Cassar. | Ftehim mar-Rabat Scouts |
| 58.14 | **Applikazzjoni PA 07218/22 - Proposta għal tpoġġija ta' bankijiet minn Ambjent Malta fid-Dwejra Lines**<br>Is-SE aġixxa wara li sar jaf mil-kunsillier is-Sur Nazju Cassar li se jitpoġġew dawn il-bankijiet mil-Gvern Ċentrali jew aħjar mill-aġenzija tal-Gvern. Kienet l-aħħar ġurnata fejn fiha l-KLR seta' jikteb u għaldaqstant ressaqna l-argument illi d-Dwejra hija post kwiet u permezz ta' faċilitajiet bħal dawn mhux se jkun 'in prestine' condition li jirrispetta l-karattru tad-Dwejra Lines. Intant is-Sur Nazju Cassar informa lill-KLR illi l-handymen tal-Kunsill naddaf iz-zona nhar is-Sibt, 7 ta' Jannar 2023. | PA 07218/22 |
| 58.15 | **Propost kuntratt tal-Qtugħ tal-ħaxix selvaġġ u tindif miz-zona rurali – Ara dokument**<br>Kien diskuss l-abbozz tal-kuntratt fit-tul. Kien deċiż illi jinqasam fi tliet *lots* u għaldaqstant naqsmu t-triqat biex kull wieħed mil-kuntratturi jagħmel daqs l-ieħor u li x-xogħol jibda' f'Mejju u jintemm f'Lulju ta' kull sena. | Grass Cutting Contract |
| 58.16 | **Punti Oħra** | RSSL |
| 58.16.01 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-Kunsill illi ingħaqad magħna ħaddiem ġdid li ġej mill-kumpanija Air Malta, is-Sur Mark Gauci. Dan se jkun qiegħed jagħmel xogħol ta' xufier flimkien ma' Stephen Attard. | Xufier ġdid. |
| 58.16.02 | Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku informa lill-KLR illi se nkunu qed nassistu lill-Patrijiet Agostinjani sabiex ikollhom festa sabiħa ta' San Anton Abbati nhar il-Ħadd, 15 ta' Jannar 2023 u se nisponsorjaw token lil kull min se jkun qed imur biex ibierek l-annimali (pet) tiegħu biex inżommu ma' tradizzjon tant antika u nedukaw lin-nies. Se tinkiteb ittra lir-Rettur tal-Kunċizzjoni biex tinġibed l-attenzjoni tiegħu u sena oħra din attività simili ssir f'jum ieħor u ma taħbatx ma' din tal-Patrijiet ta' Santu Wistin. | Tberik tal-annimali |
| 58.16.03 | Kienu irrappurtati tliet lampi tat-toroq maqtugħin: 103, Triq Kola Xara; 'il fuq minn Meynard, Triq Francesco Azzopardi, Tal-Virtù; u Triq Pierre Muscat. | Lanpi maqtugħin |

| | | |
|---|---|---|
| 58.16.04 | Kien propost illi titwaħħal tabella fejn l-istage tal-Baħrija tal-litter fi Triq is-Sajf ta' San Martin. | Tabella ġdida |
| 58.17 | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Il-laqgħa ntemmet fid-9:00am u dik li jmiss se ssir fl-istess ħin u post nhar l-1 ta' Frar 2023 | Aġġornament. |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 1.2.2023 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku